MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tas-17 ta' Settembru, 2003

Talba Numru. 465/2003

**F. G. P. Limited**

**Vs**

**Michael Borg**

**It-Tribunal**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' Lm800.01c (tmien mitt lira Maltin u centezmu) rappresentanti merkanzija mixtrija minghand is-socjeta' attrici.

Il-konvenut beda jaghmel xi pagamenti akkont, pero' ghad fadal jhallas il-bilanc hawn fuq imsemmi.

Illi nonostante interpellat diversi drabi sabiex jhallas, huwa baqa' inadempjenti minghajr raguni valida fil-ligi u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali mid-data tal-konsenja, mis-26 ta' Lulju, 2000 sal-pagament effettiv.

Ra li l-konvenut ammetta l-kawza.

Jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici, kif dedotta bl-ispejjez u l-interessi skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------